# Dwar ECHA u ECHA-term

L-ECHA hija l-mutur fost awtoritajiet regolatorji oħrajn fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni innovattiva dwar is-sustazi kimiċi għall-ġid tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent kif ukoll tal-innovazzjoni u l-kompetittività. L-ECHA tgħin lill-ażjendi jkunu konformi mal-leġiżlazzjoni, tmexxi 'l quddiem l-użu sigur tas-sustani kimiċi, tagħti tagħrif dwar is-sustanzi kimiċi u tittratta sustanzi kimiċi ta' tħassib.

Id-dejtabejż terminoloġika ECHA-term inħasbet bħala dejtabejż dinamika li tibqa' tinġieb aġġornu l-ħin kollu kemm minn esperti fil-qasam u kemm minn lingwisti. Il-kummenti u s-suġġerimenti li jaslu mingħand l-utenti jitqiesu wkoll bħala mekkaniżmu ieħor ta' tisħiħ.

L-ECHA-term tinkludi terminoloġija meħuda minn dawn is-sorsi :

- Ir-Regolament REACH
- Ir-Regolament CLP (termini u dikjarazzjonijiet ta' periklu u ta' prekawzjoni)
- Id-dokumenti ta' gwida tal-ECHA (termini u deskritturi)
- Piktogrammi tal-periklu tal-GHS
- Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna
- Ir-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali

B'kollox bħalissa hemm disponibbli total ta' 1,200 f'22 lingwa tal-UE, barra it-termini essenzjali ta' REACH bil-Kroat. It-terminoloġija ser tiġi mwessa' u aġġornata b'mod kontinwu matul is-snin li ġejjin.